**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża numru: 12/2020**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**FABIAN CATANIA**

**Illum, 12 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra **Fabian CATANIA** ta' erbgħa u erbgħin (44) sena, iben Francis u Pauline xebba Grech, imwieled Attard fis-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija, ħamsa u sebgħin (1975), detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0544275(M), li bih ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**
***Assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga Cannabis***

Illi nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel **Fabian Catania,** minn issa l-quddiem jissejjaħ l-akkużat, xjentement iddeċieda illi jassoċja ruħu ma' persuna/i oħra bil-għan illi tiġi mportata d-droga, u ċioe` l-ħaxixa tal-*cannabis* f'Malta, għal fini ta' traffikar;

Illi għal dan il-għan dak in-nhar stess filgħodu l-akkużat ftiehem ma' persuna oħra, li mill-investigazzjoni rriżulta li kien ċertu Tomislav Hegedus, biex jiltaqgħu ħdejn il-pompa tal-petrol ta' Ħal Qormi bl-isem ta' Mike Service Station, fejn meta ltaqgħu ġie skambjat vann tal-għamla Isuzu targat KAB361, liema vann intuża bħala l-mezz biex tinġarr l-għamara li fiha nstabet moħbija d-droga mertu ta' dan il-każ. Illi l-ftehim kien li wara li titgħabba l-għamara, l-akkużat kellu jħalli l-vann ipparkjat Santa Venera, senjatament fi Triq San Ġorġ u jitlaq lura għal triqtu bil-vettura tiegħu.

Illi skont l-akkużat, oriġinarjament, l-għamara kellha titgħabba minn Ħal Qormi bil-pjan jinbidel meta wara ċertu ħin jistenna Ħal Qormi, l-akkużat ingħata struzzjoni mingħand Tomislav Hegedus biex minflok imur jiġbor ix-xogħol minn Ta' Qali. Illi skont l-akkużat din il-biċċa xogħol kienet ġja saret darb'oħra bejniethom, fejn dik id-darba kien tħallas madwar elfejn (€2,000) u ħamest elef euro (€5,000);

Illi proprju fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, il-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-drogi, fuq informazzjoni li daħlitilha, bdiet tissorvelja l-akkwati ta' ħdejn il-pompa tal-petrol bl-isem ta' Mike Service Station, ġewwa Ħal Qormi, fejn ħin minnhom innotaw persuna, li wara rriżulta li kien ċertu Tomislav Hegedus, isuq vann tal-għamla Isuzu targat KAB361, jieqaf ħdejn l-imsemmija pompa u ftit tal-ħin wara deher qed jitkellem mal-akkużat, li kien qed isuq vettura tal-għamla Hyundai Getz targata CBJ401. Illi rriżulta li wara li l-vann ingħata l-fuel, l-akkużat daħal fil-vann, b'Tomislav Hegedus jitlaq minn fuq il-post b'vettura oħra. Illi l-pulizija baqaw josservaw il-movimenti tal-imsemmi vann fejn wara ċertu ħin jistenna Ħal Qormi deher jitlaq minn Ħal Qormi bil-pulizija tibqa' issegwi t-traġitt tal-vann sa Ta' Qali senjatament sa ħdejn l-Ambaxxata Amerikana. Illi l-pulizija baqgħet tissorvelja l-akkwati ta' Ta' Qali biex tibqa' issegwi l-movimenti tal-imsemmi vann, tant illi meta l-istess vann tfaċċa ħiereġ minn fejn l-Ambaxxata l-pulizija baqgħet issegwi t-traġitt tiegħu sakemm waqaf fi Triq San Ġorġ, ġewwa Santa Venera, fejn kien f'dan il-mument li l-pulizija ddeċidiet li tinterċetta l-imsemmi vann misjuq mill-akkużat;

Illi l-għamara li nstabet ġewwa l-vann tant kienet f'kundizzjoni ħażina li kompliet tqanqal suspett li fiha kien hemm xi sustanza lleċita, fis-sens illi prattikament ma kienx jagħmel sens li tali għamara f'dik il-kondizzjoni tiġi trasportata. Illi malli

l-pulizija nterċettat il-vann informat lill-Maġistrat Inkwerenti biex tieħu mingħandu l-ordnijiet meħtieġa skont il-liġi, bil-għan li tkun f'pożizzjoni tissokta bl-investgazzjoni tagħha mingħajr xkiel, bil-għan illi tiġi ppreżervata kull prova eżistenti. Illi minn naħa tiegħu, il-Maġistrat Inkwerenti ħatar diversi esperti għal dan il-għan;

Illi mit-tfittxija u l-analiżi li saret mill-uffiċjali tas-SOCO fuq l-imsemmi vann, kif ukoll fuq l-għamara li kienet fih, ġew elevati diversi pakketti li fihom deher li kien hemm sustanza li x'aktarx kienet ħaxixa tal-*cannabis*. Illi l-proċess tal-elevar sar fil-preżenza tal-akkużat, iddokumentat, kif ukoll iffotografat mill-imsemmija uffiċċjali tas-SOCO;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza li nstabet fl-imsemmija pakketti, li nstabu ġewwa l-għamara, ġie kkonfermat li filfatt din kienet ħaxixa tal-*cannabis* fl-ammont nett ta' tlieta u sebgħin kilogrammi u nofs (73.5 kg) bil-purita` ta' ċirka 6.5%;

Illi d-droga *cannabis* hija regolata taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tiġi ttraffikata l-ħaxixa *cannabis* f'dawn il-Gżejjer, madwar tlieta u sebgħin kilogrammi (73kg), kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Fabian Catania** ħati talli assoċja ruħu flimkien u ma' persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw id-droga *cannabis* f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt, kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u

mmobbli oħra tiegħu, kif ukoll talli rrenda ruħu bħala reċediv hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**Artikoli 2**, **22(1)(a)(f)(1A)(1B)**, **22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24 , 24A, 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-Liġijiet ta' Malta u fl-**Artikoli 23, 49, 50, 579(2)** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Fabian Catania**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**
***Pussess aggravat tad-droga Cannabis***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) hekk kif appena ndikat fis-suespost, eżattament malli l-Pulizija nterċettat il-vann Isuzu misjuq mill-akkużat, irriżulta li fil-biċċtejn għamara li kien hemm ġo fih, ġew elevati madwar tlieta u sebgħin kilogrammi (73 kgs) ta' droga *cannabis*;

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont innifsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużat, juru li tali droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu;

Illi l-akkużat **Fabian Catania** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużat **Fabian Catania** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga *cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern **f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu** u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330), iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt, kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobli oħra tiegħu kif ukoll talli rrenda ruħu reċediv hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-**Artikoli 2**, **8(a), 13, 14, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9), 22A, 24, 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regola **9** tal-**Liġi Sussidjarja 101.02** u fl-**Artikoli 23, 49, 50** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Fabian Catania**.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**
***Pussess tad-droga Kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-att ta' Akkuża, u ċioe` nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), waqt it-tfittxija li saret fuq l-imsemmi vann Isuzu, il-pulizija elevat ukoll pakkett tas-sigaretti li fih deher li kien hemm xi sustanza bajda suspettata droga kokajina bl-akkużat jikkonferma li kienet tiegħu;

Illi minn eżamijiet ulterjuri tal-espert tal-Qorti rriżulta li din is-sustanza filfatt kienet kokajina, senjatament ċirka ħamsa u għoxrin grammi (0.25g). Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mil-liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

Illi b'għemilu l-akkużat **Fabian Catania** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Fabian Catania** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Fabian Catania** u li jiġi kkundannat għal piena ta' tnax-il (12) xahar priġunerija u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin ewro (€470), iżda mhux iżjed minn elfejn u tlett mitt euro (€2,300) b'dana li kemm il-darba misjub ħati jkun rrenda ruħu reċidiv skont dak li hemm u jintqal fl-**Artikoli 9**, **10(1)**, **13, 14**, **20**, **22(1)(a)**, **22(2)(b)(ii)**, **26** u **28** tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu **101** tal-Liġijiet ta' Malta, fir-Regola **9** tal-**Liġi Sussidjarja 101.02** u fl-**Artikoli 17**, **18**, **23**, **31**, **49, 50** u **533** tal-Kapitolu **9** tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat **Fabian Catania.**

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat **Fabian Catania**, ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Ottubru 2024, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodiċi

Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi, fl-eventwalita` illi jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Fabian Catania għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **tmintax-il (18) sena flimkien ma' multa ta' tletin elf ewro (€30,000)**, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza mandatorja oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija, inkluż il-konfiska ta' flejjes u proprjeta` oħra kemm mobbli, kif ukoll immobbli ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-aħħarnett u għal kull buon fini, il-partijiet iddikjaraw illi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom dwar il-piena, kif maqbula, ittieħed in konsiderazzjoni dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, applikabbli **b'żewġ (2) gradi**.

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2024 quddiem din il-Qorti, l-akkużat Fabian Catania, debitament assistit mill-avukat tiegħu, irreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati fl-Att ta' Akkuża surreferit;

Rat illi wara li wissiet lill-akkużat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara li rat ukoll illi huwa kien qed jifhem l-import tal-istess ammissjoni, inkluż il-kontenut u l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors konġunt fuq imsemmi, u wara li tagħtu ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu, jerġa' jaħsibha u jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu, kif obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, u wara illi l-kawża ġiet posposta għal dan il-għan, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddikjara lil **Fabian Catania** ħati u reċidiv taħt il-Kapi kollha tal-Att tal-Akkuża kif dedotti kontra tiegħu u ċioe` ħati u reċidiv talli nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. Assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw il-pjanta *cannabis* f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, f'ċirkostanzi li juru illi din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu qabel ġie fformat il-ġuri, għalkemm wara illi ħareġ l-Att ta' Akkuża. Fir-rigward, il-Qorti qieset il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, li tirreferi wkoll għal dik estera, f'ċirkostanzi fejn il-ħati jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar il-5 ta' Lulju 2002, **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Lulju 2002 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2004.

Qieset ukoll in-natura tad-droga nvoluta, u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ossia illi l-akkużat ftiehem ma' terza persuna sabiex iġorr, u kellu fil-pussess tiegħu, ammont sostanzjali ta' pjanta tal-*cannabis*, li mir-relazzjoni tal-espert il-Professur Emmanuel Sinagra, jirriżulta illi kellha piż ta' 73.6 kilogrammi, b'purita` għas-sustanza *Tetrahyrdocannabinol* ta' ċirka 6.5%, liema purita` skont l-istess espert, hija waħda li tqarreb lejn il-minimu tal-purita` u dan tenut kont illi normalment il-purita` għall-imsemmija sustanza tkun bejn 6% u 11%. Skont l-istess relazzjoni il-valur tal-istess pjanta tal-*cannabis* kien bejn seba' mija, sitta u tletin elf ewro (€736,000) u żewġ miljuni u mitejn u tmint elef ewro (€2,208,000) u dan meta

wieħed iqis illi skont in-*National Report on the Drug Situation in Malta* (b'informazzjoni għas-sena 2015), il-valur tal-pjanta tal-*cannabis* kien bejn għaxar ewro (€10) u tmienja u għoxrin ewro (€28) kull gramma. Jirriżulta in oltre illi fil-pussess tal-istess akkużat instabet ukoll id-droga kokaina, f'piż ta' 0.25 grammi u b'purita` ta' ċirka 10%.[1]

Qieset in oltre illi l-partijiet iddikjaraw illi l-akkużat kellu jibbenefika bit-tnaqqis fil-piena b'żewġ gradi, skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fid-dawl tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Pulizija Eżekuttiva fit-termini tal-imsemmi artikolu.

Qieset in oltre il-ġurisprudenza in materja u pieni erogati dwar reati li jinvolvu d-droga, inkluż droga konsistenti f'*cannabis*. Naturalment, kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu, u fil-waqt illi l-ġurisprudenza in materja tista' sservi bħala linja gwida, il-piena mposta għandha dejjem tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina.

Tenut kont tas-suespost, u illi l-piena mitluba hija fil-parametri tal-liġi, fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet u għalhekk se teroga, fil-konfront tal-akkużat, il-piena mitluba mill-partijiet, permezz tar-rikors konġunt ippreżentat minnhom kif ingħad.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 2, 8(d), 22(1)(a)(f),(1A),(1B), 22(2)(a)(i)(aa)(ii), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 24A, 26, 28 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 2, 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, tikkundanna lill-akkużat **Fabian Catania** għal piena ta' tmintax-il (18) sena priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li matulu huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u multa ta' tletin elf ewro (€30,000), liema multa, fin-nuqqas ta' ħlas, tiġi konvertita f'piena ta' priġunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[1] Ara r-relazzjoni tal-Profs. Emmanuel Sinagra, Dok. ES 1, a fol. 241 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tiegħu a fol. 236 *et seq* tal-proċess. Jirriżulta mill-atti illi sussegwentement, ir-relazzjoni tiegħu ġiet ikkoreġuta f'partijiet minnha, iżda mhux f'dawk il-partijiet illi rreferiet għalihom din il-Qorti.

Tikkundannah in oltre għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' ħames mija, tnejn u sebgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€572.47), rappreżentanti nofs[2] l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada u r-relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. MB1[3], is-somma ta' mija u sitt ewro u għoxrin ċenteżmu (€106.20), rappreżentanti nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada u mar-relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. MB2[4], is-somma ta' tmienja u tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu (€88.50), rappreżentanti nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada u mar-relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. MB4[5], is-somma ta' mitejn u tmintax-il ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€218.31), rappreżentanti nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta ta' PC 1331 Darren Debattista u PC 813 Clinton Vella mmarkata bħala Dok. CV1[6], is-somma ta' erba' mija, disgħa u tmenin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€489.73), rappreżentanti nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PC 169 Jurgen Schembri mmarkata bħala Dok. JS1[7] u s-somma ta' elf, disa' mija u sitt ewro u seba' ċenteżmi (€1,906.07), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Joseph Mallia mmarkata bħala Dok. JM1[8], b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' tliet elef, tliet mija, wieħed u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€3,381.28), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, u fin-nuqqas jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre il-Qorti tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur, tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert il-Professur Emmanuel Sinagra, liema spejjeż ma jirriżultawx mill-atti proċesswali u għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur.[9]

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, salv għall-vann tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni KAB 361,

---

[2] Il-Qorti qed talloka lill-ħati biss nofs l-ispejjeż relatati mal-esperti maħtura, stante illi dan il-każ kien jinvolvi wkoll terza persuna, Tomislav Hegedus, akkużat fi proċeduri separati minn dawn tal-lum.
[3] Ara din ir-relazzjoni a fol. 145 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 151A tal-proċess.
[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 341 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 344A tal-proċess.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 624 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 627A tal-proċess.
[6] Ara r-relazzjoni a fol. 256 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 267 tal-proċess.
[7] Ara r-relazzjoni a fol. 391 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 394 tal-proċess.
[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 646 tal-proċess u l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni a fol. 704 tal-proċess. Din ir-relazzjoni tirrigwarda biss lill-ħati Fabian Catania u għalhekk l-ispejjeż tal-istess relazzjoni qegħdin jiġu allokati lilu fl-intier tagħhom.
[9] Ara r-relazzjoni tal-istess espert Dok. ES 1, a fol. 241 tal-proċess.

preżentat formalment f'dawn il-proċeduri[10], liema vettura tirriżulta illi hija reġistrata fuq terza persuna, estraneja għal dawn il-proċeduri[11] u dan fit-termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, proprjeta` mobbli u immobbli tal-ħati.

Finalment sakemm l-Avukat Ġenerali ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita f'dawn il-proċeduri hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur, li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

[10] Ara a fol. 67 tal-proċess.
[11] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar, a fol. 15 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ta' Christina Ciantar, a fol. 38 tal-proċess u x-xhieda ta' Etienne Ciantar, a fol. 40 tal-proċess.